MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Numru. 743/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JASON AGIUS**

**KONTRA**

**EMANUEL GRIXTI ta' 56 sena, iben Anthony u Catherine nee' Camilleri, imwieled iz-Zurrieq nhar is-6 ta' Novembru, 1953, residenti fil-fond 'Lelmar', Triq Santa Marija, Bubaqra, Zurrieq, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 852253M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **EMANUEL GRIXTI** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-26 ta' Awwissu, 2007, ghall-habta tal-hdax ta' fil-ghodu, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta,

Gudja kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Cutajar Joseph skond kif iccertifika t-Tabib Dr Marcel Tufigno MD;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix €1,164.69, imma hu izjed minn €116.47;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Cutajar Joseph sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 7);

Rat illi fl-interrogatorju Emanuel Grixti wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfron tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat il-verbal tas-seduta ta' nhar l-04 ta' Marzu, 2008 fejn b'awtorizzazzjoni tal-Qorti l-ammonti ndikati fl-akkuza gew konvertiti f'Ewro;

Rat illi d-Difiza tat ruhha b'notifikata bl-akkuza kif mibdula, u l-konsegwenti ezentazzjoni minn naha ta' l-imputat ghas-smiegh tal-provi gia' prodotti sa dak l-istadju mill-gdid;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda.

Ikkunsidrat:

Illi l-parte leza Joseph Cutajar xehed illi hu kien jahdem taxi driver gewwa l-M.I.A. Qal illi kien fil-venda tieghu. Qal illi kien hemm wiehed li kien qieghed jintimidah – l-imputat. Qal illi jigi minnu u tah daqqa ta' ponn. Jghid illi kien hemm anzjan li beda jargumenta fuq flus ta' senserija, beda jargumenta mal-parte leza. Ix-xhud jghid illi dan ix-xhud qal li kellmu hazin, qal ix-xhud li hu rreciproka. Qal illi hawn qala' daqqa ta' ponn minghand Grixti cioe' l-imputat. Qal illi hu lil dan lanqas kellmu, bniedem ta' sittin sena, mad-daqqa storda. Qal illi hu qatt ma kellu xi jghid ma' l-imputat. Qal illi mar ghand id-dentist minhabba ksur fi snienu.

Dr Evan Camilleri, dentist, ikkonferma dan. Ikkonferma wkoll id-dokument ezebit bhala DOK JC 1, dan dwar ksur illi sofra l-istess Cutajar fi snienu. Dan ic-certifikat huwa datat 27 ta' Awwissu, 2007. L-akkuza fil-fatt hija bbazata fuq gurnata qabel.

Inhatru wkoll bhala esperti tal-Qorti Dr Mario Scerri u l-Professur Hector Galea.

Ghalhekk Dr Mario Scerri kkonkluda li Joseph Cutajar kien sofra li Cutajar kellu zewg bridges. Illi l-bridge ta' fuq kienet maqsuma. Il-Profs Galea xehed illi c-cirkostanzi li fihom tkissret din il-bridge kienu kompatibbli ma' dak li allega Joseph Cutajar, cioe' daqqa ta' ponn. Ta stima ta' inqas minn €1,600 ghal dawn it-tiswijiet fuq is-snien ta' Cutajar (DOK MS u HG rispettivament).

Anthony Camilleri huwa x-xih, iz-ziju ta' l-imputat, li dwaru tidher li nqalghet din il-vertenza. Xehed illi verament Cutajar kien intervjena biex hu xtara ghalqa, u li kien hemm xi vertenza fuq l-ammont ta' senserija li kellha tithallas lil Cutajar jew ahjar kemm kien qieghed jippretendi dan li jiehu. Ammetta dan ix-xhud li darba li kien l-ajruport hdejn neputieh, inqala' ncident dwar is-senserija ma' Cutajar. Qal illi Cutajar kellmu hazin. Innega li t-tifel ta' ohtu, l-imputat, ghalkemm mar hdejh, beda jsawwat jew jaghti bil-ponn lil Cutajar.

Jghid anzi 'Imbaghad gie (b'referenza ghall-imputat) u lqattu. Lil Leli ghidtlu 'Taghtix ma' dan. Hallieh' (folio 56).

Mistoqsi Leli x'kien ser jaghmel, wiegeb illi Leli ddispjacieh, ghax Cutajar offendielu lil ommu mejta. Zied pero dan ix-xhud illi dan Leli ma kienx ser jaghti lil Cutajar bil-ponn.

Henry Farrugia, ukoll taxi driver, xehed li anke hu kien xoghol mat-turisti, sema' l-ghajjat ta' Leli (l-imputat), u certu Joseph (il-Pejxa), il-parte leza. Qal illi qallhom biex jaqtghuha ghax kienu hergin it-turisti. Qal illi ghadda minn go nofshom, ma rahomx maqbudin flimkien, rahom biss jargumentaw. Ma ra lil hadd jaghti daqqiet ta' ponn.

PS 2844 Publius Cauchi kkonferma li Joseph Cutajar kien ghamel rapport mieghu li kien qala' daqqa ta' ponn minghand Leli Grixti tat-taxi 98. Minn naha tieghu Grixti, mitkellem mill-Kuntistabbli, cahad dan. Cutajar ipprezentalu wkoll certifikat mill-Paola Health Centre tal-griehi minnu sofferti (DOK JC folio 23). Vide wkoll PIRS report folio 32 u 33.

WPC 251 Josianne Cassar kienet patrol fl-arrivals u semghet argument gej mit-taxi stands. Hemm rat lil Grixti u lil Cutajar jargumentaw.

Fl-ebda hin ma rat lil xi hadd jaghti xi daqqa ta' ponn, jew xi hadd qallha li qala' daqqa ta' ponn.

PC 1076 Edward Vassallo kien ukoll ma' WPC 251. Anke hu xehed li ra lil Cutajar u lil Grixti jitlewmu. Anke dan xehed li fuq hadd minn dawn it-tnejn ma ra griehi. Xehed ukoll illi Joseph Cutajar lilu ma qallu xejn li qala' xi daqqa ta' ponn.

PS 65 Noel Said, kien ukoll l-M.I.A. Anke dan xehed illi sema' argument bejn Grixti u Joseph Cutajar.

Giet prezentata wkoll l-istqarrija ta' l-imputat (DOK EG, folio 25). F'din spjega, ghalkemm ghazel illi ma jiffirmahiex, illi kienu gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta'

Malta, u dan Joseph Cutajar, beda jargumenta ma’ zijuh, Ninu Camilleri. Sema’ lil Cutajar joffendi bil-familja lil zijuh, u dan Grixti, ghax ghandu ommu mejtu, qallu ‘Mela hekk l-affarijiet!’. Jghid illi ghabba t-turisti u telaq minn hemm (folio 25).

Innega li marru jferrquhom lilu u lil Grixti x-xufiera. Innega li hu ta daqqa ta’ ponn f’wicc Cutajar. Anzi mar oltre, qal illi hu u Cutajar ma argumentaw imkien, li kull ma qal lil Cutajar kien biss illi dak illi qal ma kienx kliem. Innega wkoll anke li zijuh mar iferraqhom.

Ikkunsidrat:

Tibda din il-Qorti billi tesprimi l-fehma illi li kieku Grixti ma kienx daqshekk neganti fl-istqarrija tieghu ghal kull xhud li ddepona, allura forsi kien jitwemmen hafna izjed f’dik li kienet azzjonietu. Id-Difiza fil-fatt sostniet bis-sahha li ebda prova okulari ma ngabet ta’ din id-daqqa ta’ ponn – fil-fatt la Henry Farrugia u lanqas il-pulizija xhieda gewwa l-Ajruport ma raw xejn minn dan. **<u>Pero</u>** (enfasi tal-Qorti), dawn xehdu li kien hemm argument shun bejn Grixti u Cutajar. Dan gie kkonfermat anke miz-ziju ta’ l-istess Grixti. Grixti fl-istqarrija nsista li hu kull ma ghamel kien li kkorega lil Farrugia fuq diskorsi. Dan jikkontradixxi x-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Illi ghandu jinghad ukoll illi Cutajar kien kategoriku fuq il-griehi minnu sofferti, dan anke a tempo vergine meta ghamel ir-rapport. Il-Qorti anke ssib konfort minn dak li xehed l-istess Anthony Camilleri, iz-ziju ta’ l-imputat, kif gie hawn riprodott. Fil-fatt stranament dan iz-ziju di sua volonta’ jghid li widdeb lit-tifel ta’ ohtu, l-imputat, biex ma jsawwatx lil Cutajar, biex ma jaghtiehx bil-ponn (folio 55). Juza wkoll il-kliem li meta Leli (l-imputat) sema’ l-kliem offiz ta’ Cutajar, dan tant iddispjacieh, li hu z-ziju, kellu jilqa’ lill-akkuzat ghax tant kien irrabjat. Pero rega’ nsista li hu (Leli) lil Cutajar, ma kienx ser jaghtieh bil-ponn (folio 57).

Illi tenut dan kollu premess, qieghda ssib lil Grixti Emanuel hati ta’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet, u r-raba’ akkuza wara li rat

l-Artikoli 221, 325, 338, 339, u 7 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt(6) xhur sospizi hgal sena(1), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------